# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Edmond Cuschieri]

vs

Daniel Farrugia

**Kumpilazzjoni Numru: 583/11**

**Illum, 21 ta' Jannar, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Daniel Farrugia, detentur ta' karta tal-identita bin-numru 141985M akkuzat talli:

1. Nhar il-7 ta' Mejju 2011 ghall-habta ta' hdax neqsin kwart ta' fil-ghaxija, gewwa l-Mosta minghajr il-hsieb li joqtol jew li

jqieghed il-hajja Robert Azzopardi f'periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-imsemmi Robert Azzopardi, jew gablu disordni f'mohhu, liema offiza ikkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh kif ukoll iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz u dan ai termini tal-artikolu 218(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Charmaine Debono f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-imsemmija Charmaine Debono u dan skond kif iccertifika Dr Joe Scicluna MD mic-Centru tas-Sahhat tal-Mosta u dan ai terminu tal-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u jew theddid bil-fomm lil Robert Azzopardi, Pierre Chetcuti, Darren Debono u Charmaine Debono ai termini tal-artikolu 339 e tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ai termini tal-artikoli 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikolu 214, 215 u 218 (1)(a)(b) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 338(dd), 339 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din il-kawza, hekk kif xehed <u>l-Ispettur Edmund Cuschieri</u>, titratta fuq allegat argument li nqala' fi Triq fejn il-gibjun fil-Mosta bejn l-imputat u l-parte civile Robert Azzopardi fejn it-tnejn jghidu zewg verzjonijiet differenti. Min-naha tieghu l-imputat jghid illi Robert Azzopardi beda jsegwih u hemmhekk waqaf sabiex jaffrontah fejn jghid illi qabad il-hadida biex jiddefendi lilu nnifsu u dan wara li gew il-persuni li ma ppruvawx iwaqqfu l-argument izda bdew jipprovokaw tant illi wiehed minnhom u cioe' Darren Debono kellu hadida ohra f'idejh.

Xehdet <u>Dr. Maria Debono Agius</u> fejn din ezaminat lill-parte civile Robert Azzopardi f'ghajnejh u fejn tghid illi dan ma' kellux

pressjoni fiha u kienet mimlija demm u ghalhekk kellha ssir operazzjoni. Tghid illi l-operazzjoni saret minn Dr Fenech izda li l-kundizzjoni ta' ghajnejh baqghet gravi.

Xehed ukoll **<u>Pierre Chetcuti</u>** li kien wiehed mill-persuni prezenti waqt l-argument u jghid illi ghalkemm ittiehdu proceduri kriminali kontrih l-irwol tieghu kien biss li jferraq. Jghid illi kien fil-bar flimkien ma' Charmaine, Darren u t-tifla taghhom fejn f'daqqa wahda semghu hafna ghajjat minn got-triq u meta hargu barra raw lil Daniel jaghti daqqa ta' ponn lil Robert fejn meta resqu lejhom dawn kienu fl-art b'Daniel taht u Robert fuqu. Dan jghid illi minn hemmhekk gibed lil Robert minn taht spallejh. Jghid illi l-imputat baqa' joffendi lil Robert bil-mejtin kollha. Wara l-imputat mar jigri lejn il-karrozza tieghu u gab hadida u beda jxejjirha u laqghat lil Charmaine u lil Robert. Jghid illi fil-pront mar Darren Debono sabiex inehhilu l-hadida minn idejh.

Xehed ukoll **<u>Darren Debono</u>** wara li nghata d-debita twissija ghazel li jixhed u qal illi meta hargu barra raw lill-imputat u lil Robert jissieltu u fil-pront jaraw lill-imputat jaghti daqqa ta' ponn lill-parte civile fuq sidru u wara waqghu mal-art. Minn hemmhekk

jghid illi Pierre gibed lil Robert u l-imputat beda jincithom sabiex jiggieldu. Jghid illi l-imputat mar u qabad hadida u meta beda jxejjirha laqat lill-mara tieghu Charmaine f'rasha u lil Robert Azzopardi f'ghajnejh ix-xellugija. Huwa jghid illi ha din il-hadida minn idejn l-imputat u bis-salt laqat il-hgiega tal-karrozza tal-imputat u nkisret.

Xehed ukoll <u>**Wayne Debono**</u> li jigi t-tifel ta' Darren Debono fejn wara li nghata d-debita twissija huwa ghazel li jixhed u kkonferma dak li qalu qabli x-xhieda l-ohra li kienu prezenti.

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda tal-parte civile <u>**Robert Azzopardi**</u> fejn jghid illi l-imputat kien jafu ghaliex kien joqghod vicin tieghu izda kien ilu xi tliet (3) snin ma jkellmu. Jghid li dakinhar tal-incident fi Triq iz-Zokar kien bil-karrozza u quddiemu kien hemm l-imputat li ha brejk qawwi u kwazi li kien ser jidhol go fih. Ftit wara rega' ha brejk u dan rega' waqaf. Dan iddecieda li jaqalghu izda x'hin kien qed jaghmel din il-manuvra, l-imputat saq ghal go fih u nizel jidghi u joffendih. Ix-xhud qallu biex jitlaq 'l hemm izda l-imputat gie ghalih u tah daqqa go sidru u dan ghamel manuvra b'idu bil-konsegwenza li t-tnejn waqghu mal-art u bdew jidgerrbu sakemm

ma' gew xi nies biex iwaqqfuhom. Wara l-imputat kompla jheddu li ser jaharqu bil-van tax-xoghol. Wara qabad hadida u beda jxejjirha bil-konsegwenza li laqat il-mara ta' habib tieghu u laqat lilu wkoll go ghajnejh biex ma bediex jara u minn hemmhekk telaq il-klinika sabiex jigi nvistat. Jghid li din il-hadida kien gabarha habib tieghu bl-isem ta' Darren Debono li wara kien ghaddiha lill-pulizija. Jghid ukoll illi wara l-incident kien mar il-poliklinika tal-Mosta fejn kien gie akkumpanjat minn Pierre Chetcuti u Wayne Debono. Il-parte civile esebixxa zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok. RA1 u RA2.

Semghet ukoll lil <u>Charmaine Debono</u> li kienet prezenti fid-data u l-hin tal-incident fejn qabel ma sehh kienet il-Libru Bar fejn din semghet ghajjat gej minn barra fejn rat li kien hemm zewg karrozzi jimblukkaw it-triq fejn mill-ewwel gharfet karrozza minnhom li kienet ta' Robert Azzopardi. Tghid illi maghha kien hemm zewg persuni ohra li kienu qeghdin jaraw l-incident. Tghid illi dawn iz-zewg persuni resqu lejn l-argument u hi baqghet tassisti ghal xi hin minn barra l-hanut. Tghid ukoll illi meta resqet lejn l-argument rat l-imputat kien qed jabbuza verbalment lill-parte civile Robert Azzopardi fejn fost affarijiet ohra qallu l-kliem *"nerga' naghtik*

*xebgha bhal ma darba tajtek fil-hanut"* . Tghid illi rat lill-imputat johrog hadida minn taht is-*seat* tal-karrozza tieghu u jxejjirha fejn dan laqat lilha f'rasha u lill-parti leza Robert Azzopardi. Hija tghid illi l-ferita ma kinitx gravi izda pprezentat certifikat tal-poliklinika tal-Mosta (Dok. CD1 u Dok CD2).

Xehdet l-gharusa tal-imputat **Tania Borg** fejn din tghid illi dakinhar tal-incident kienet mal-imputat fejn meta kienu fit-triq inkwistjoni bdiet tross maghhom karrozza u tirrejzja. Tghid illi l-gharus tieghu ddecieda li johrog u jara x'gara u minn hemmhekk il-parte civile beda jghajjru u gew fl-idejn. Tghid illi meta hargu l-persuni minn gol-bar dawn ma ppruvawx iwaqqfu l-argument izda wiehed minnhom beda jsabbat ras l-gharus taghha mal-art. Wara ghamel l-istess il-parti leza Robert Azzopardi. Din tghid illi l-hadida kien qed ixejjirha wiehed mill-persuni li gew wara u li l-gharus taghha rnexxielu jiskapula daqqa b'din il-hadida. Tghid illi wara gew il-pulizija. Ix-xhud esebiet sett ta' ritratti Dok TB1.

Xehed it-tabib nominat mill-Qorti **Dr. Jonathan Joslin** fejn ikkonstata li mertu ta' din il-kawza sija l-imputat kif ukoll il-parte civile sofrew griehi. Jghid illi l-aktar griehi gravi sofrihom il-parte

civile go ghajnejh fejn kien qala' daqqa kbira u minn hemmhekk kellu jsirlu intervent minn Dr. Thomas Fenech. Dan jghid illi kellu ticrita fuq il-parti ta' wara tal-ghajn. Jghid illi l-griehi kienu konsistenti ma' *blunt injury* diretta fuq l-ghajn. Griehi ohrajn kellu xi brix fuq ghonqu u tbengila f'nofs is-sider u brix fuq il-minkeb. Jghid illi lil Robert Azzopardi komplew isegwuh xi tobba ohra pero' a rigward il-griehi tal-ghajn dan ma kienx ser jirranga minnha.

A rigward il-griehi tal-imputat jghid illi huwa kellu griehi konsistenti fi tbengil madwar ghajnejh kif ukoll ticrita fuq tal-ghajn tax-xellug li probabbilment ser thalli sfregju, kif ukoll brix fuq wara tad-dahar.

Finalment xehed l-imputat **<u>Daniel Farrugia</u>** fejn jghid illi dakinhar tal-incident kien qed isuq fi Triq iz-Zakek, Mosta u kien hemm karrozza warajh itteptep id-dawl u jghid li gie Robert Azzopardi ma genbu u beda joffendih u hargu mill-karrozza u gew fl-idejn. Jghid illi wara gew Wayne u Darren Debono u minflok ferrquhom bdew ituh. Jghid illi per konsegwenza waqa' mal-art u wegga' fuq ghajnejh tant li kellu jaghmel erba' punti. Jghid illi meta hareg din il-hadida gew mill-ewwel dawn il-persuni u rassewh mal-karrozza

tieghu. Huwa jghid illi xejjer din il-hadida imma jahseb li ma laqat lil hadd.

<u>**Ikkunsidrat**</u>:

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet kemmxejn differenti mhumiex xorta wahda 'l boghod minn xulxin. Illi apparti mill-fatt illi kien hemm numru ta' xhieda li xehdu li raw l-incident u li l-imputat ipprovoka dan kollu, il-Qorti tinnota li dawn kollha kienu hbieb tal-parte civile. Illi pero' jigi nnutat illi l-verzjoni tal-parte civile hija l-aktar wahda veritjiera u dan ghaliex li kieku verament l-imputat kien qieghed jiddefendi lilu nnifsu ma messux hareg hadida u xejjirha lill-partijiet l-ohra izda kieku kien jaqbad il-karrozza u jitlaq lejn l-ghassa tal-pulizija. Inoltre' l-griehi subiti mill-parte civile Robert Azzopardi li tilef ghajn wahda ma humiex kompatibbli ma' persuna li qed jiddefendi lilu nnifsu. Illi ulterjorment ix-xhieda tal-imputat ma hijiex kredibbli wkoll fis-sens li jghid illi forsi beda jxejjer din il-hadida izda jahseb li ma laqat lil hadd. Illi bir-rispett kollu l-fatt li hareg car li laqat lil Charmaine Debono fuq rasha u laqat lil Robert Azzopardi u

kkagunalu griehi daqstant gravi ma jistax ikun li ma ntebahx li laqathom. Din assolutament mhiex kredibbli.

Illi l-Qorti tinnota u tikkundanna l-agir tal-ufficjal prosekutur qabel ma nbidel, li ghal numru kbir ta' differimenti qabel ma hadet konjizzjoni tal-atti din il-Qorti kif presjeduta, ma attendiex ghall-kawza u l-anqas kien jinnotifika lil hadd sabiex jattendi bil-konsegwenza li dawn il-proceduri ddilungaw bla bzonn.

Illi ghalhekk il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi tad-difiza legittima. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza <u>**Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro**</u> deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn gie ritenut li: Mhux kull min *"jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-*

*inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-**<u>Professur Sir Anthony Mamo</u>**, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti: *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi ghalhekk din il-Qorti thossha konvinta illi l-agir tal-imputat ma kienx ta' legittima difeza izda kif qed jghid il-parte civile li kien hu li pprovoka tali incident.

Hawnhekk issir riferenza ghas-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti</u>** deciza fit-3 ta` Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kaz tas-16 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa</u>**, fejn inghad illi: *"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.''*

Illi ghar-rigward ir-raba' akkuza, il-Qorti tinnota li ma ngabet l-ebda prova kien hemm ksur tal-paci pubblika mill-imputat. Izda illi l-imputat hedded jew ingurja lill-parte civile dan hareg car mix-xhieda prodotti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed ssib lill-imputat **Daniel Farrugia** hati tal-akkuzi wiehed (1) sa tlieta (3) kif dedotti kontrih stante li gew ippruvati u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin filwaqt li tilliberah mir-raba' (4) akkuza stante li ma gietx ippruvata.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Daniel Farrugia ghall-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal erba' mija u erbatax (14)-il ewro u disgha u sebghin centezmu (€414.79c).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**